# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Daryl Mark Pace**

**Kumpilazzjoni Numru:** 862/14

**Illum, il-hamsa (5) ta' Gunju, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Daryl Mark Pace** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 440092M akkuzat talli fil-lejl bejn il-15 u s-16

ta' Mejju, 2014 mill-istabbiliment *Sticky Fingers* fi Triq id-Disgha ta' Frar, 1799, San Gwann:

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti, assortiment ta' sigaretti u xi oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija w disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Matthew Aquilina, British American Tobacco (Malta) Ltd., Alexander Busuttil u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. volontarjament, hassar, ghamel hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' tieqa ta' l-aluminium ta' l-istess stabbiliment u *freestanding cigarette vending machine*, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-dannu ta' Matthew Aquilina, British American Tobacco (Malta) Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Iktar, akkuzat ukoll talli, fit-12 ta' Settembru, 2014, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

3. meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

4. fl-ahharnett, jakkuza lill-istess Daryl Mark Pace talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa kien ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta).

5. Jakkuzah ukoll talli kkommetta l-istess reati, li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 14 ta' Marzu, 2014, moghtija mill-magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., liema sentenza giet estiza b'sentenza sussegwenti datata 5 ta' Gunju, 2014, moghtija mill-magistrat Dr. Carol Peralta LL.D.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati inkluz l-istqarrija tal-imputat li ghalkemm ma kienx inghata d-dritt li jkollu avukat ta' fiducja tieghu waqt l-interrogazzjoni huwa ma qal xejn inkriminanti u ghalhekk ma hijiex ser tiehu provvedimenti fuq l-ammissibilità taghha;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Novembru elfejn u sitttax (2016) fejn biha elenka l-artikoli tal-Ligi li tahthom qed jintalab li tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

1. Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 325(1)(b) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 19 u 24(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li nqraw l-artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet ix-xhieda tal-propjetarju tal-istabbiliment *Sticky Fingers* u cioè **Matthew Aquilina** fejn ikkonferma r-rapport tieghu li kien gie misruq bi sgass fejn kienu ttiehdu xi mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) mill-*cash register* kif ukoll mill-*vending machine* nsterqu xi sigarretti izda din hija propjetà tal-kumpanija American Tobacco. Jghid illi xi pulizija kienu gew jaraw il-kameras tas-sigurtà.

Robert Micallef mill-British American Tobacco pprezenta stima tal-hsarat tal-*vending machine* li kienet tinsab fi *Sticky Fingers* li din tammonta ghal tmien mija u zewg ewro u sebgha u tmenin centezmu (€802.87) (Dok RM1).

Xehed ukoll Alex Busuttil li huwa s-sid tas-sigaretti li kienu fil-*vending machine* u jghid illi fiha kien hemm sigaretti ammontanti ghal elfejn mitejn u tlieta u hamsin ewro u hamsin centezmu (€2,253.50) u li minnhom ma rkupra xejn. Jghid illi din kien ghadu kif jimliha xi gimgha qabel. Mid-dokument li esebixxa hu stess u li gie mmarkat bhala Dok. AB1 jidher illi l-ammont tal-pakketti kien ta' elfejn mija u tmienja u sittin ewro u hamsin centezmu (€2,168.50) u kien hemm flus fiha ta' hamsa u tmenin ewro u hamsin centezmu (€85.50).

Raymond Desira mill-Identity Malta xehed illi l-ahhar notifika li kellu fuq l-imputat kien fl-ghaxra (10) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) li l-karta tal-identità kienet fuq l-indirizz 18, Triq il-Miklem Malti, Marsascala. Jghid illi l-imputat kien biddel l-indirizz fit-tmienja (8) ta' Jannar elfejn u hmistax (2015) u cioè wara li hargu l-akkuzi odjerni.

L-**<u>Ispettur Joseph Mercieca</u>** esebixxa sentenza kontra l-imputat Daryl Mark Pace li huma Dok. JM4 u l-fedina penali tieghu Dok. JM5. Illi d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ggib prova tal-identità tal-imputat fuq is-sentenza esebita. Sussegwentement esebixxa wkoll tliet sentenzi ulterjuri li gew immarkati bhala Dok. JMX1, JMX2 u JMX3 fejn id-difiza regghet ezentat lill-prosekuzzjoni sabiex ittella' prova rigward l-identità tal-imputat f'dawk is-sentenzi.

Rat ir-rapport tal-espert nominat minn din il-Qorti **<u>Joseph Mallia</u>** (Dok. JM1) sabiex jaghmel komparazzjoni tal-impronti digitali elevati mill-ufficjali tat-Taqsima tal-Forensika fejn dan ikkonkluda is-segwenti:

> *«<u>KONKLUZJONI</u>*
>
> *Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 14 BFX 301, 14 BFX 302, 14 BFX 303, 14 BFX 304, 14 BFX 305 u 14 BFX 306, lifters li jigbru fihom impronti digitali zviluppati permezz tal-aluminium u black powder u elevati permezz ta' lifting tape fuq acitate sheet*

*trasparenti, u d-dokumenti DMP 1 formola tal-impronti digitali u DMP 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Daryl Mark Pace, li joqghod fil-fond Blokk J Flat numru 5, Housing Estate, il-Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 440092 (M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi l-impronti li gew zviluppati u elevati permezz tal-lifters dokumenti 14 BFX 301, 14 BFX 302, t-tieni (2) u t-tielet (3) impronti li jidhru elevati permezz tal-lifter dokument 14 BFX 303, l-impronti dokument 14 BFX 305, kif ukoll l-ewwel (1) impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 14 BFX 306, huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' setghux jsiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti u d-dokumenti DMP 1 formola tal-impronti digitali u DMP 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Daryl Mark Pace, detentur tal-karta tal-identita' numru 440092 (M).*

2. *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 14 BFX 303 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-werrej tal-id ix-xellugija ta' Daryl Mark Pace, detentur tal-karta tal-identita' numru 440092 (M).*

3. *Illi l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz ta' lifter dokument 14 BFX 304 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tal-pala tal-id ix-xellugija ta' Daryl Mark Pace, detentur tal-karta tal-identita' numru 440092 (M).*

4. *Illi t-tieni (2) impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 14 BFX 306 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-werrej tal-id ix-xellugija ta' Daryl Mark Pace, detentur tal-karta tal-identita' numru 440092 (M)."*

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Rat illi l-prosekuzzjoni lestiet mill-provi taghha fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 2016 fejn inqraw l-Artikoli tal-Ligi u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tiddeciedi dawn il-proceduri bhala sommarji;

Rat illi ghal diversi snin l-imputat jew ma kienx jidher u ma kienx jinstab jew kien ibiddel avukat bil-konsegwenza li l-avukat il-gdid ikun irid jiehu konjizzjoni tal-atti;

Rat illi fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2019 Dr Yanika Camilleri ghan-nom tal-imputat talbet li din il-Qorti tikkonverti ruhha bhala Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi wara li nstemghu x-xhieda rigward din it-talba, din il-Qorti accediet ghal din it-talba permezz ta' digriet datat sbatax (17) ta' Frar elfejn u ghoxrin (2020);

Rat in-nota tal-Bord tat-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga datat tletin (30) ta' Mejju elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn

inghad illi l-imputat ma kienx attend ghas-sessjonijiet mitluba minn dan il-Bord u ghalhekk kien qed jibghat il-kaz lura lill-Qorti;

Rat il-verbal datat ghoxrin (20) ta' Frar elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) fejn l-avukat difensur Dr Victor Bugeja bhala avukat tal-ghajnuna legali ddikjara illi ma kellux provi x'jipproduci u ghalhekk kien qed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti;

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit". Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta mir-rapport tal-espert Joseph Mallia li l-imputat Daryl Mark Pace kien effettivament gewwa l-post bl-isem *Sticky Fingers* f'San Gwann u dan ghaliex apparti mill-impronti li nstabu fit-tieqa li giet sgassata li allura taghmilha serq aggravat bil-mezz, instabu diversi impronti ohra fuq il-bank tal-kcina u dan vicin fejn kienet il-*cash register* li mbaghad instabet sgassata u mormija barra. Sfortunatament lifters ohrajn ma kinux bizzejjed ghal komparazzjoni.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss illi gialadarba dawn l-impronti nstabu sija barra kif ukoll gewwa dan juri li l-provi cirkostanzjali

f'dan il-kaz huma bizzejjed sabiex jigi ppruvat li l-imputat effettivament dahal mit-tieqa sgassata biex imbaghad dahal gewwa l-fond inkwistjoni u seraq flus u oggetti ammontanti ghal elfejn, mitejn u tlieta u hamsin ewro u hamsin centezmu (€2,253.50) biex b'hekk dan is-serq ikun ukoll aggravat bil-valur. Illi dan jikkontrasta ma' dak li kien qal l-imputat fl-istqarrija tieghu fejn qal li hu qatt ma kien dahal fil-fond *de quo* izda biss kien imur ta' spiss fil-hanut ta' hdejh. Illi li kieku l-marki tas-swaba tal-imputat kienu misjuba mal-faccata ta' *Sticky Fingers* l-imputat kien ikollu difiza tajba izda gialadarba l-marki tas-swaba tieghu kienu nstabu fuq il-wara ta' dan il-hanut u fuq gewwa, mela dan il-fatt ma jhalli l-ebda dubju fuq il-kolpevolezza tieghu.

Illi din il-Qorti qed tippremetti illi gialadarba l-istqarrija tal-imputat ma ttiehditx bid-dritt tal-avukat prezenti fil-hin tal-istqarrija, ma hijiex ser tibbaza d-decizjoni taghha unikament fuq dan il-fatt tal-istqarrija u dan in linja mad-decizjoni li nghatat mill-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) bl-ismijiet **Jean Marc Dalli v. Kummissarju tal-Pulizija et.** (App 674/21 ISB – dec 31/05/23).

Illi a rigward ta' x'jikkonsisti fi provi cirkostanzjali l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik*

*ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>Pulizija vs Cyrus Engerer</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## IKKUNSIDRAT

Illi ghalkemm l-akkuza a rigward is-serq giet ampjament ippruvata kif inghad hawn fuq, madanakollu a rigward l-addebitu tar-recidiva ma ngabitx l-ahjar prova li dawn is-sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni gew definittivi u li ma jistghux jinbidlu.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza din qed tigi kkunsidrata bhala mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza u cioè dik ta' serq.

Illi a rigward l-akkuza numru tlieta (3) u cioè dik li taqa' taht il-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qed tinnota illi l-Avukat Generali meta elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed tintalab htija, ma elenkax dan il-Kapitolu u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza.

**PIENA**

Illi a rigward il-piena li ser tigi inflitta ghalkemm l-eddebitu tar-recidiva ma gietx ippruvata jidher car illi l-imputat inghata diversi okkazjonijiet fejn seta' jirriabilita ruhu tul is-snin minn diversi Qrati inkluz minn din il-Qorti kif presjeduta izda ghal xi raguni dan dejjem naqas illi jikkopera. Dan jidher car ukoll mill-fedina penali kkulurita li ghandu l-imputat li hija hasra kbira li ma kienx kapaci jiehu l-ghajnuna necessarja li tant kellu u ghad ghandu bzonn. Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja effettiva.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 261(b), (c) u (f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 281(a), 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed ssib lill-imputat **Daryl Mark Pace** hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza tikkundannah ghal piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva filwaqt li ma ssibux hati tar-raba' (4) akkuza stante li ma gietx ippruvata u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) akkuza.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**